**Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A. (Mag. Jur.) Eur Law, LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**AA**

**Illum 17 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli:

'F'dawn il-Gzejjer gewwa BB fit-28 ta' Frar 2016 b'ghemil zieni, ikkorrompa lil bintu CC minuri ta' tmien (8) snin meta kien tutur ta' l-imsemmija minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri giet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' CC minuri ta' tmien (8) snin.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skont l-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' CC.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-qorti jidhrilha xierqa.'

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Marzu, 2016, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Busuttil ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament;

Rat li matul il-kors tal-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali tenut matul l-istess seduta l-imputat stqarr li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja, tenna wkoll li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat illi fl-istess smiegh l-imputat talab li jsir 'pre-sentencing report' stante li sostna li huwa jsofri minn problemi mentali filwaqt li din il-Qorti laqghet it-talba;

Rat illi fis-smiegh sussegwenti tal-20 ta' April, 2016 xehed l-ufficcjal tal-probation Joseph Mizzi li esebixxa il-'pre-sentencing' report mmarkat bhala dokument JM 1;

Rat il-konkluzzjonijiet milqugha fl-istess rapport kif isegwu:

***'Konkluzzjonijiet***

- ***Fatturi identifikati***

- *AA qed jigi akkuzat li fit-28 ta' Frar 2016 b'ghemil zieni, ikkorrompa lil bintu CC, minuri ta' 8 snin, meta hija kienet fdata lilu biex jiehu hsiebha; u fl-istess cirkostanza, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età.*
- *L-imputat trabba u ghex f'Malta, izda ricentament, huwa tela' jghix f'Ghawdex f'post moghti lilu mill-Awtorità tad-Djar b'kera ssussidjata. Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport irrizulta li l-imputat kellu passat turbolenti, fejn minhabba l-kundizzjoni ta' sahha mentali li ghandu, kien imwarrab mill-familja tieghu u qatta' perjodu minn hajtu jghix f'istitut. Jirrizulta li huwa ma kellux relazzjoni b'sahhitha mal-membri tal-familja tieghu u jidher li l-membri tal-familja ma ghenuhx jizviluppa hiliet. Huwa sahansitra jghid li qatt ma kellu rabta specjali mal-familja tieghu u fil-prezent*

*m'hemmx komunikazzjoni maghhom. Irrizulta wkoll li huwa qatta' parti kbira minn hajtu jghix ghal rasu u wahdu.*

- *Mill-intervisti li saru mal-imputat innifsu, deher li huwa jbati minn dipressjoni akuta u dan kien qed iwasslu ghall-abbuz tal-pilloli ta' trattament, fits u hsibijiet suwicidali. Il-mewt ta' missieru u n-nuqqas ta' sapport komplew gravaw is-sitwazzjoni u kien inzamm diversi drabi fl-Isptar Monte Karmeli ghall-kura taht il-konsulent psikjatra Dr David Cassar. Deher evidenti li l-imputat kien qieghed fi stat konjittiv hazin hafna u kellu jittiehed u jinzamm fl-Isptar Generali t'Ghawdex ghall-kura.*
- *Kien identifikat li l-imputat ilu jbati minn problemi relatati ma' sahha mentali sa minn età zghira u kien ilu f'kuntatt ma' konsulent psikjatra ghal numru ta' snin. Skont l-imputat innifsu, huwa kien ikun maqtugh ghalih wahdu, bla hbieb u kien ifalli l-iskola biex imur jahdem xi bicca xoghol u jaqla' xi haga tal-flus. Mill-aspett tax-xoghol, dawn il-fatturi msemmija hawn fuq, ghamluha difficli sabiex AA jkun impjegat f'xoghol produttiv. Skont ir-rekord tieghu, AA qatt ma kellu mpjieg stabbli u fil-passat hadem bhala labourer f'diversi postijiet izda ghall-perjodi qosra. Madankollu, fil-prezent, huwa jghid li ghadda bord u m'ghandux impjieg.*
- *AA jidher li ma kellu lil hadd f'hajtu ghajr lil bintu, frott ta' relazzjoni nstabbli. Skont professjonisti nvoluti f'dan il-kaz u li jahdmu direttament mal-minuri, jidher li t-tifla wkoll ghandha dizabilità intelletwali u hija tghix fl-istitut tas-Sorijiet Ursolini u m'hemmx kuntatt mal-omm. Il-missier u bintu kienu jiltaqghu fil-weekend u kienet torqod ghandu. Jidher li dan kien isir bi qbil mal-Agenzija Appogg. AA ihobb hafna lil bintu u kien jixtrilha hafna affarijiet u kien izommha bl-ahjar mod li kien kapaci. Ghad li l-kaz seta' halla mpatt fuq il-minuri, mhux car jekk dan halliex trawma, peress li t-tifla tistaqsi u timmisja lil missierha ghax huwa kien l-unika persuna familjari li kellha f'hajjitha.*
- *Skont il-fedina penali tal-imputat, jidher li huwa ma kellux kazijiet ohra kontrih fil-passat. L-Ufficjal Prosekutur jikkonferma li AA kkopera mal-pulizija, m'ghandux sapport, mhux persuna vjolenti, ghandu kundizzjoni ta' dipressjoni u limitazzjonijiet konjittiva filwaqt li jishaq fuq il-bzonn ta' ghajnuna psikjatrika, fejn ikun sorveljat b'mod tajjeb.*
- *Il-professjonisti li jahdmu mat-tifla jghidu li l-minuri thobb lil missierha u qed timmisjah. Jikkummentaw li t-tifla ghandha dizabilità intelletwali u tehtieg l-ghajnuna wkoll. Filwaqt li jaqblu li l-missier huwa anzjuz u jbati minn dipressjoni, jaffermaw li huwa dejjem ikkollabora mal-awtoritajiet koncernati u dejjem agixxa fl-ahjar interess ta' bintu. Huma ma ghalqux il-possibilità ghall-imputat li jkollu laqghat b'supervizjoni ma' bintu.*

- *Fil-prezent, huwa qed jinzamm għall-kura u osservazzjoni ġewwa t-taqsima tax-Short Stay Ward fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u dan sabiex ma jkunx hemm riskju ta' nuqqas ta' supervizjoni f'każ li jinħakem minn mumenti ta' dipressjoni u sakemm ikun iżjed stabbli.*

- ***Pjan ta' kura***

*Mill-informazzjoni miġbura jidher li AA jgħaddi minn perjodi ta' żmien fejn iħossu waħdu u mdejjaq u dan iwasslu biex jaqta' qalbu. Din hi indikazzjoni li huwa mhux kapaċi jikkontrolla s-sentimenti tiegħu u minħabba f'hekk jista' jweġġa' lilu nnifsu jew nies oħrajn. Dan l-aġir tiegħu saħansitra wasslu sabiex abbuża mill-pilloli ta' trattament b'konsegwenza fuq is-saħħa fiżika u mentali tiegħu u dan ma għenx is-sitwazzjoni tal-ħajja tiegħu. L-imputat huwa konxju tal-iżball li wettaq, jeħtieġ trattament u kura psikjatrika kostanti. L-għan ewlieni li jrid jintlaħaq huwa li AA ma jerġax iwettaq l-istess azzjonijiet. Dan għandu jsir bl-għarfien li huwa għandu limitazzjonijiet intellettwali. Nuqqas ta' kontroll f'mumenti fejn huwa jkun maħkum minn dipressjoni, jista' jwassal għall-konsegwenzi mhux mistennija. Għaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni miġbura, ikun għaqli li l-imputat jibqa' b'supervizjoni kontinwa minn konsulent psikjatra sabiex ikunu mmonitorjati l-imġiba konjittiva u r-riskju tal-imputat, sabiex isib stabbiltà mentali u ma jiżdiedx riskju. Mil-lenti tal-professjonisti nvoluti, jidher li jkun għaqli li, fl-interess tal-ġid taż-żewġ partijiet, il-kuntatt bejn il-missier u l-bint għandu jsir b'supervizjoni.*

***Rakkomandazzjoni***

*Qed jiġi rrakkomandat li huwa jingħata sanzjoni bis-supervizjoni bbażata fil-komunità. Dan bil-għan li huwa jkun jista' jibqa' jieħu kura psikjatrika, ikun jista' jsir arranġament biex isir kuntatt ma' bintu u ma jitlifx il-benefiċċju soċjali li huwa l-uniku sors ta' dħul tiegħu. B'hekk, AA AA jkun jista' jindirizza l-problemi li għandu b'mod aħjar, isib stabbilità u jitgħallem ikun iżjed responsabbli u jikkontrolla l-ħsibijiet tiegħu.'*

Illi fis-smigħ tal-lum stess 17 ta' Ġunju, 2016, il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u cioe' li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliġġi fuqu wkoll il-piena ta' priġunerija skont il-Liġi. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat kellu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu u dan anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat tiegħu.

Illi wara li regghet staqsiet lill-imputat x'ghandu xi jghid dwar l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, l-imputat rega' tenna li huwa hati skont kif kien tenna qabel u l-Qorti hadet nota bil-miktub ta' din id-decizjoni tal-imputat fl-atti tal-kawza. Ghalhekk il-Qorti qeghda tqis l-ammissjoni tal-imputat bhala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif specifikati aktar 'il fuq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fejn qablu li l-imputat, anki in vista tal-konkluzzjonijiet u rakomandazzjonijiet milhuqa fil-'pre-sentencing report', ghandu certament bzonn li tigi mposta fuqu ordni ta' trattament. Il-prosekuzzjoni da parti taghha nsistiet li in vista tal-akkuzi u l-aggravanti tal-istess b'mod partikolari l-artikolu 208 AC tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li timponi sentenza ta' habs effettiv flimkien ma' ordni ta' trattament. Id-difiza nsistiet b'mod partikolari abbazi tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation illi din il-Qorti kellha l-fakulta' li timponi 'probation' anki fic-cirkustanzi tal-imputazzjonijiet kif migjuba.

Il-Qorti rat li l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tal-imputat, inkluz l-artikoli 203, 204 C u 204 D jgibu maghhom piena massima ta' ghaxar snin u allura jeskludu l-possibilita' li din il-Qorti timponi 'probation' flok prigunerija effettiva b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li dan japplika biss ghall-pieni li l-massimu taghhom tkun ta' seba' (7) snin b'eccezzjoni biss ta' dawk il-pieni mizjuda oltre s-seba' (7) snin konsegwenza ta' reat li jkun wiehed li jkompli jew minhabba recidiva, li izda mhux il-kaz odjern.
Din il-Qorti in oltre tqis li l-gravita' tar-reat, anki ghaliex tinvolvi reat disprezzabbli mmens u cioe' dak ta' abbuz sesswali minn missier fuq bintu stess tal-eta' tenera u vulnerabbli ta' tmien (8) snin, hija tant li timmerita piena karcerarja liema piena din il-Qorti tqis li ghandha tigi mposta b'mod effettiv.

**Decizjoni:**

Illi ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li ssib lil AA hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wara li rat l-Artikoli 17, 203, 204 C, 204 D, 383, 384, 385, 412 C, 412 D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tieghu, il-kollaborazzjoni shiha mal-pulizija, il-fedina penali netta, il-gravita' tal-imputazzjonijiet fosthom il-fatt li huwa missier il-vittma u l-eta' tenera tal-vittma u finalment ir-rakomandazzjonijiet tal-ufficcjal tal-'probation' tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija.

**Inoltre, b'applikazzjoni tal-artikolu 412 D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti, in vista wkoll li r-rapport dwar l-imputat jaghmilha cara li l-imputat jista' jkun ta' periklu kemm ghalih kif ukoll ghal dawk ta' madwaru tordna li l-imputat tinhariglu Ordni ta' Trattament ghal zmien massimu ta' sitta u tletin xahar (36) b'dana li qed tpoggih taht id-direzzjoni tal-Psikjatra Dr. David Cassar li gia kien qed jiehu hsieb lill-istess imputat qabel sehh dan il-kaz bil-ghan li jsir titjib fil-kundizzjoni mentali tieghu u tirrakomanda li l-imputat ghandu mill-ewwel jibda jiskonta l-piena tul l-Ordni ta' Trattament fis-sezzjoni Forensika tal-Isptar Monte Karmeli (jew sptar ekwivalenti f'Ghawdex) u dan sakemm il-Psikjatra nominat mill-Qorti Dr. David Cassar ma jqisx u jiccertifika bil-miktub li l-imputat jkun f'kundizzjoni mentali stabbli li jista' jigi trasferit fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin minghajr periklu ghalih innifsu u terzi ta' madwaru.**

Il-Qorti waslet sabiex timponi din l-ordni stante li hija sodisfatta illi l-imputat ghandu diffikultajiet psikologici gravi, jbaghti minn fits regolari, jbaghti minn epilessija u dipressjoni li anki twasslu ghall-hsibijiet ta' suwidicju, ghandu problema ta' abbuz tal-medikazzjoni li tigi preskritta lilu filwaqt li l-attitudni tieghu tista' tkun mhux biss ta' periklu ghalih izda wkoll ghal terzi.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-hati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu nkluz li tigi mposta fuqu ammenda ta' mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

Il-Qorti ma tqisx li hu l-kaz li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li jirrizulta li l-

imputat ma ghandu l-ebda patria potesta, il-minuri nvoluta gia tinsab taht ordni ta' kura (u ghalhekk din il-Qorti thalli mpregudikati kwalunkwe ordnijiet f'dan ir-rigward) u tghix fl-istitut tal-Ursolini. Ghall-istess raguni u in vista tal-piena ta' prigunerija mposta l-Qorti ma tqisx li huwa l-kaz li tigi mposta obbligazzjoni fuq l-imputat ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mill-atti rat li ma kien hemm l-ebda spejjez ta' periti nkorsi f'dawn il-proceduri u ghalhekk m'hemmx lok li jigi applikat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tikkonferma d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat u tal-minuri u dan sabiex tigi salvagwardjata l-minuri bintu.

Il-Qorti ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitnizzel fir-Registru msemmi fl-istess Kap meta din is-sentenza tkun definittiva, u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur